Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,696, 27 ta' Ottubru, 1998.

Taqsima B

A.L. 233 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1997 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science - B.Sc. - u Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - in Informatics, Computer Science and Computer Systems Engineering

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1997 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science - B.Sc. - u Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - in Informatics, Computer Science and Computer Systems Engineering u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1997 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science - B.Sc. - u Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - in Informatics, Computer Science and Computer Systems Engineering, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li bdew f'Ottubru 1995 jew wara.

Emenda għat-titlu tal-kors għall-grad tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-kors għall-grad tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ir-Regolamenti ta' l-1997 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science in Information Technology - B.Sc. I.T. - u Bachelor of Science in Information Technology (Honours) - B.Sc. I.T. (Hons)".

Emenda għar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafi (1) u (2) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-1997 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science in Information Technology - B.Sc. I.T. - u Bachelor of Science in Information Technology (Honours) - B.Sc. I.T. (Hons).

(2) F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord ta' l-Istudji għat-Teknoloġija ta' l-Informatika maħtur mis-Senat minn fost il-membri tad-Dipartimenti tal-*Computer Information Systems, Computer Science and Artificial Intelligence,* u *Communications and Computer Engineering;*

"il-Grad", ħlief fejn it-test huwa wżat speċifikatament għall-grad ta' B.Sc. I.T. ordinarja msemmija f'dawn ir-regolamenti, ifisser il-Grad ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) - B.Sc. I.T. (Hons); u

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad."

Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafi (14), (18) u (19) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(14) Kandidati tat-tielet sena li mhumiex eliġibbli jew li ma jixtiequx jipproċedu għar-raba' sena għandhom jingħataw il-grad ta' B.Sc. I.T. li għandu jkun ikklassifikat fil-kategoriji mniżżla fil-paragrafu (13) ta' dan ir-regolament.

(18) Xi kandidat li ma jirnexxilux jissodisfa d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (15) ta' dan ir-regolament minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (16) u (17) ta' dan ir-regolament, u li diġa' eżawrixxa d-dritt li jirrepeti sena ma għandux jingħata grad bl-unuri. F'dan il-każ il-kandidat għandu jingħata l-grad ta' B.Sc. I.T. fil-kategorija miksuba fit-tielet sena kif imniżżla fil-paragraafu (13) ta' dan ir-regolament.

(19) Għall-għanijiet tal-klassifikazzjoni tal-grad ta' B.Sc. I.T. (Hons), l-eżamijiet sinottiċi ta' l-aħħar sena u l-proġett għandhom il-piż ta' 60% u l-livell milħuq fl-ewwel tlett snin għandu l-piż ta' 40%."